MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2700/1996/1

**Citazzjoni numru 2700/96 GC**

**Formosa & Camilleri Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha M. Demajo (Woodworks) Limited**

**vs**

**Gollcher Company Limited, agenti Malta ta' Grandi Traghetti spa di Navigazione armaturi/propjetarji tal-vapur Splendid, l-istess Gollcher Company Limited, agenti Malta ta' Grandi Traghetti spa di Navigazione armaturi/propjetarji tal-vapur Rosa Blanca u The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' M. Demajo (Woodworks) Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Splendid konsenja ta' injam li waslet Malta fis-17 ta' Settembru 1995;

Illi din il-konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat ta' l-attur bid-danni spjegati fid-Dok. A (survey report);

Illi ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Illi l-attur jikkwantifika id-danni riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin lira (Lm421) li maghhom jizdied l-ammont ta' sitta u hamsin lira (Lm56) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' erba' mija u seba' u sebghin lira (Lm477);

Illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur,

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm477;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine, jew min minnhom, ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm477, bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine, jew min minnhom;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenuti nomine li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mil-ligi;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm421 bhala allegati danni;

4. Illi dwar is-survey fees hemm diversi sentenzi li jghidu li tali fees mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghall-istess u ghalhekk il-konvenut Godwin Abela nomine jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet "Dr. R. Staines vs. G. Abela et nomine" deciza 6.4.92 - Citaz. Nru. 112/86K App;

5. Illi a bazi ta' l-Artikolu 70 u l-Artikolu 90 tal-Port Regulations ta' l-1966 is-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghall-allegati danni;

6. Illi fis-sitt lok dwar l-imghax dan mhux dovut anqas stante li s-socjeta' esponenti ma giet interpellata thallas ebda ammont determinat u qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset biss ghaliex sostniet li kienet obbligata thallas u dan aktar u aktar meta s-socjeta' esponenti m'ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici hlief tramite polza (KAM 4.11.94. - J. Gerada vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1275/910);

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited nomine et fejn gie eccepit :-

Illi fl-ewwel lok is-socjeta' attrici ddekadiet mid-dritt ta' azzjoni u dan in vista ta' dak pattwit fl-artiklu 17(2) tal-Polza ta' Kariku;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi kwalunkwe hsara li setghet irrizultat fil-merkanzija ma tirrispondix ghaliha s-socjeta' konvenuta;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabilta' li tista' tirrizulta fil-konfront taghha hija limitata skond il-ligi applikabbli fil-kuntratt ta' garr;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited nomine et debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta M. Demajo (Woodworks) Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Splendid konsenja ta' injam li waslet Malta fis-17 ta' Settembru 1995. Jirrizulta li meta l-merkanzija giet konsenjata lill-importatur kien hemm xi injam li kien imxarrab u ghalhekk bil-hsara. Is-socjeta attrici, bhala s-socjeta assikuratrici, kif kienet obbligata li tghamel, ghal dawn id-danni hallset lis-socjeta importatrici s-somma ta' erba mija u wiehed u ghoxrin liri maltin (Lm421) u b'hekk issa s-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-istess socjeta importatrici. Is-socjeta attrici tippretendi li mal-imsemmija somma ghandu jizdied l-ammont ta' sitta u hamsin lira maltin (Lm56) ghas-"survey fee" li kellha ssir sabiex tigi stabbilita l-hsara kollha;

Ghalhekk skond is-socjeta attrici d-danni totali sofferti f'dan il-kaz jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u seba' u sebghin lira (Lm477). Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, fost affarijiet ohra, qed teccepixxi li hija qdiet il-funzjonijiet kollha taghha bid-diligenza rikjesta mil-ligi. Inoltre teccepixxi li s-survey fees m'ghandhomx jigu inkluzi fid-danni reklamati stante li s-socjeta attrici ma gietx surrogata ghar-rigward tal-istess spejjez. L-istess socjeta konvenuta teccepixxi li skond l-Artikolu 70 u l-Artikolu 90 tal-Port Regulations ta' l-1966 is-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghad-danni allegati in kwestjoni.

Da parti taghha s-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited teccepixxi fl-ewwel lok li s-socjeta' attrici ddekadiet mid-dritt ta' azzjoni in vista tal-artiklu 17(2) tal-Polza ta'

Kariku. Fit-tieni lok l-istess socjeta konvenuta teccepixxi li hi mhux tenuta tirrispondi ghal kwalunkwe hsara li setghet irrizultat fil-merkanzija u fi kwalunkwe kaz kull responsabilta' li tista' tirrizulta fil-konfront taghha hija limitata skond il-ligi applikabbli fil-kuntratt ta' garr;

Hu rilevanti li jigi rilevat li s-socjeta konvenuta Gollcher, fid-dikjarazzjoni taghha, ppuntwalizzat li l-merkanzija kienet qed tingarr f'container sigillat u meta l-istess container tnizzel minn abbord l-istess sigilli kienu intatti. In effett mid-dokument a fol. 13 li hu l-"Gate Pass Out" jidher li l-merkanzija kollha ingarret fi tlett containers. Jidher li l-"packing" tal-merkanzija gol-containers kien ir-responsabilita tad-ditta estera esportatrici, li ukoll kienet responsabbli ghall-ghazla tat-tip tal-container li fih ingarret il-merkanzija;

F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li tirrizulta b'mod sufficjenti xi responsabilita', ghar-rigward tad-danni in kwestjoni, da parti tat-trasporaturi jew da parti tas-socjeta konvenuta Cargo Handling;

In vista t' dawn ic-cirkostanzi t-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------